# Hu Magħna Llum

*Quicksand (2007)*

Il-wegħda ta' Kristu
Imqajjem mill-imwiet.
Il-għotja tal-fidwa
Għall-aħħar żminijiet.

Ir-riħ li jħarrek l-ilmijiet
In-nar li jsaffi l-qlub fis-skiet.

**L-Ispirtu hu magħna llum**
**Fil-ħidma li ta' kuljum**
**Inwettqu f'isem il-Mulej.**
**Il-qawwa ingħatat illum**
**Bl-Ispirtu li ta' kuljum**
**Iġedded it-tama għal li ġej.**

Qalb waħda u ruħ waħda
Fl-Ispirtu magħqudin.
Bħall-ewwel appostli
Inwasslu kullimkien

Ir-riħ li jħarrek l-ilmijiet
In-nar li jsaffi l-qlub fis-skiet.

**L-Ispirtu hu magħna llum**
**Fil-ħidma li ta' kuljum**
**Inwettqu f'isem il-Mulej.**
**Il-qawwa ingħatat illum**
**Bl-Ispirtu li ta' kuljum**
**Iġedded it-tama għal li ġej.**